

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż kif ukoll, jekk ikun il-każ, lill-parti intervenjenti.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2020 – EFFAS vs EUIPO – CFA Institute
(CEFA Certified European Financial Analyst)**

(Kawża T-369/20)

(2020/C 255/43)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: European Federation of Financial Analysts' Societies (EFFAS) (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Merico u G. Macías Bonilla, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: CFA Institute (Charlottesville, Virginia, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjużha: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenjużha kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni CEFA Certified European Financial Analyst – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 902 341

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-31 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 1082/2019-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2020 – KL vs BEI

(Kawża T-370/20)

(2020/C 255/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: KL (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investiment

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

- b'konsegwenza li,

- tannulla d-deċiżjonijiet tal-BEI tat-8 ta' Frar u tat-8 ta' Marzu 2019 li jiddikjaraw ir-rikorrent adattat li jaħdem u f'assenza inguistifikata mit-18 ta' Frar 2019;

- sa fejn meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tal-President tal-BEI tas-16 ta' Marzu 2020 li tikkonferma l-konklużjonijiet tal-kummissjonii ta' konċilazzjoni u, konsegwentement, id-deċiżjonijiet tat-8 ta' Frar u tat-8 ta' Marzu 2019;

għaldaqstant,

- tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas retroattiv tal-pensjoni ta' invalidità fil-prinċipju mill-1 ta' Frar 2019;

- tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' interassi moratorji fuq il-pensjoni ta' invalidità dovuti mill-1 ta' Frar 2019 u dan sal-ħlas komplet, peress li l-interassi moratorji huma ffissati bir-rata ta' interessa tal-Bank Ĝeneralij Ewropew miżjud b'żewġ punti;

- tikkundanna lil BEI għall-kumpens tad-dannu morali tar-riktorrent;

- tikkundanna lil BEI għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 46-1 u 48-1 tar-Regolament tal-Iskema ta' Pensjoni u tal-Artikolu 11(1) u (3) tad-dispożizzjonijiet amministrattivi kif ukol fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dmir ta' premura.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2020 – KM vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-374/20)

(2020/C 255/45)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: KM (rappreżentant: M. Müller-Trawinski, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-7 ta' Ottubru 2019 fil-forma tad-deċiżjoni tal-“Autorité Investie du Pouvoir de Nomination (AIPN)” Nru R/627/19 tal-20 ta' Marzu 2020, li permezz tagħha l-konvenuta tirrifżjuta li tagħti lir-rikorrenti pensjoni tas-superstitti, u tordna lill-konvenuta, fid-dawl tal-interpreazzjoni tad-dritt mogħtija mill-Qorti Ĝeneralij, tiddeċċiedi mill-ġdid u tagħti lir-rikorrenti pensjoni tas-superstitti;